MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2011

Numru 206/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Fabio Schembri**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Esekuttiva fl-24 ta' April 2009 kontra 'l fuq imsemmi Fabio Schembri:

1) talli fit-18 ta' April 2009 ghall-habta ta' bejn l-erbgha (16:00hrs) u l-hamsa u nofs (17:30hrs) ta' wara nofsinhar, gewwa limiti ta' San Dimitri, Gharb, f'Ghawdex, matul l-istagun maghluq ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq l-art, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasfur, jew gar munizzjoni jew arma tan-nar barra mill-ghata taghha;

2) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi zamm jew gar arma tan-nar li kienet ikkargata, jew bl-iskratacc fil-

komportament tal-arma, jew barra l-ghata taghha, jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq il-kacca;

3) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu tjur imharsa bil-ligi;

4) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu arma tan-nar li kellha kompartiment li jiehu aktar minn zewgt iskratacc fil-magazine;

5) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi naqas li jikkonforma ruhu ma' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew naqas milli jikkonforma ruhu mal-kundizzjonijiet ta' xi ordni moghtija legittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jigifieri l-Avviz Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat;

6) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht l-A.L. 79 tal-2006 kif sussegwentement emendati;

7) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi agixxa bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

8) talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi kkonfoffa jew ittanta, jew ghen, hajjar, ta parir jew flus lil xi hadd iehor jikser xi disposizzjoni bhal dawk (inkluza ordni legittimament moghtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti), jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht ir-regolamenti tal-A.L. 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat;

9) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar kif ukoll munizzjoni minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-artikolu 5(1) tal-Kapitolu 480, tal-ligijiet ta' Malta;

10) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja;

11) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi halla arma tan-nar u/jew munizzjon b'tali mod li gie f'idejn haddiehor;

12) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku, libes maskra jew biddel is-sura tieghu, meta ma kienx fi zmien u bil-mod li tippermetti l-ligi;

13) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-Artikolu 141 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-ewwel Qorti giet mitluba li barra l-piena skont il-ligi tordna s-sospensjoni tal-licenzji tal-kacca tal-imputat ghal mhux anqas minn sena kif ukoll tikkonfiska l-oggetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Jannar 2010 li fil-parti dispozittiva taghha tghid:

"Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 141, 338(n) u 31(f) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 18(1)(a), 17, 27(1)(a)(b)(c) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat bl-Avviz Legali 280 tal-2007 filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet, ir-raba, it-tmien, id-disgha, l-ghaxar, il-hdax l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi u tikkundannah ghal xahar prigunerija, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

"Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentneza.

"Finalment il-Qorti qieghdha tordna s-sospenzjoni tal-licenzja tal-kacca tal-hati u dana ghal zmien sena mil-lum."

Rat ir-rikors ta' appell ta' Fabio Schembri minnu prezentat fl-14 ta' Mejju 2010 li permezz tieghu talab li tigi mibdula u varjata s-sentenza appellata billi tigi kkonfermata fil-parti liberatorja taghha u rrevokata kwantu l-imputazzjonijiet kollha fejn hu nstab hati billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.

Il-fatti tal-kaz jistghu jigu riassunti kif gej. Fit-18 ta' Marzu 2008 hames persuni membri tal-ghaqda Birdlife Malta, u cioe' Daniel Muscat, Robert Cook, Kim Little, Neil Wright u persuna ohra, kienu fil-post f'Ghawdex taht il-lighthouse maghrufa bhala "ta' Giordan" josservaw il-movimenti tal-ghasafar fl-inhawi. F'xi hin gew osservati zewgt irgiel fl-ghelieqi fil-wied taht il-fanal b'wicchom mghotti b'*balaclavas* bi drapp abjad li qajjmilhom suspett. Wahda mill-persuni li raw kienet liebsa glekk blu waqt li l-ohra kienet liebsa lbies *camfoulage*. Il-membri tal-Birdlife Malta kienu armati b'teleskopju u *video camera* u bihom irregistraw l-attivita' taz-zewg persuni msemmija waqt li dawn kienu mexjin fl-ghelieqi magemb il-hitan tas-sejjiegh.

Iz-zewgt irgiel msemmija imbghad komplew mexjin fl-ghelieqi sakemm waqfu f'post partikolari. Wara xi minuti l-persuna li kienet liebsa glekk blu immira lejn xi haga u spara tir. Dan ir-ragel qieghed lura l-arma f'borza tad-drapp u qieghdha taht il-glekk. Iz-zewgt irgiel imbghad rikbu fuq motocikletta u saqu fid-direzzjoni ta' fejn kienu l-membri tal-Birdlife. Fil-frattemp il-membri tal-Birdlife kienu kkomunikaw mal-pulizija li kienu fi triqthom ghal fuq il-post. Il-membri tal-Birdlife segwew lill-persuni fuq il-motocikletta bil-binokuli taghhom peress li ma setghux ikomplu jsegwuhom bit-teleskopju ghaliex b'dan ma setghux jiffokaw daqstant malajr biex ikunu jistghu isegwuhom waqt li kienu jsuqu bil-motocikletta. Il-membri tal-Birdlife jghidu li imbghad iz-zewg motociklisti msemmija gew intercettati mill-pulizija. Iz-zewgt irgiel li gew intercettati mill-pulizija ma kienux lebsin *balaclavas*.

Il-pulizija skambjaw xi diskors qasir maz-zewgt irgiel u imbghad lkoll telqu minn fuq il-post.

L-aggravji tal-appellant jistghu jigu rikapitulati kif ser jinghad:

1) l-ewwel Qorti interpretat u applikat hazin il-ligi fejn:

a) tat aktar piz lill-linji difensjonali tal-appellant mentri l-aktar haga importanti kienu l-provi tal-prosekuzzjoni skont il-principju li min jakkuza jrid jipprova;

b) ibbazat ruha fuq dak li hu possibli jew probabbli meta dawn il-gradi ta' prova ma humiex accettabbli f'awla kriminali;

c) ikkonkludiet li x-xhieda tal-membri tal-Birdlife kienu msahha mill-*video footage* li ttiehed mill-istess xhieda meta dan ma jammontax ghal korroborazzjoni skont il-ligi peress li din ma tfissirx ripetizzjoni;

d) ma ghamlitx apprezzament tal-provi fl-assiem taghhom izda kkoncentrat biss fuq ix-xhieda ta' Daniel Muscat u applikat hazin il-kuncett ta' *real evidence*;

e) applikat skorrettement it-tifsira ta' prova cirkostanzjali u strahet fuq cirkostanzi li kienu ekwivoci;

f) sahhet il-konvinzjoni taghha fuq *hearsay evidence* konsistenti f'kif wasal ir-rapport ghand il-pulizija.

2) certu imputazzjonijiet kienu komprizi u involuti f'reati ohra u cioe'

a) it-tieni imputazzjoni kompriza fl-ewwel imputazzjoni jew alternattiva ghaliha;
b) il-hames imputazzjoni fl-ewwel u fit-tieni imputazzjoni;
c) is-sitt imputazzjoni fil-hames imputazzjoni
d) is-seba' imputazzjoni fil-hames u s-sitt imputazzjoni

Dwar l-ewwel u t-tnax l-imputazzjoni l-appellant isostni li dawn ma gewx pruvati skont il-ligi waqt li rigward it-tlettax

l-imputazzjoni jsostni li din tista' tkun biss sussidjarja ghal htija ta' xi reat iehor.

3) il-qorti ma tatx kaz jew ma applikatx korrettement il-linji gwida, id-dicta jew id-diversi caveat dwar l-apprezzament tal-provi b'mod partikolari dwar evidenza ta' identifikazzjoni ta' persuna jew *video recordings* li inghataw minn diversi sentenzi jew rivisti legali inglizi inkluza sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta'

4) l-appellant ma kellux legittimament u ragionevolment jinstab hati tal-imputazzjonijiet li taghhom nstab hati.

Il-Qorti ser issa tikkunsidra serjatim l-aggravji fuq identifikati u elenkati.

**L-ewwel aggravju 1(a).** Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa is-sentenza elaborata u studjata tal-ewwel Qorti u ma ssib xejn x'tikkritika f'dan ir-rigward. Huwa minnu li l-ewwel Qorti tat importanza kbira lill-linji difensjonali tal-appellant izda f'dan ma ghamlet xejn li ma kienx mistenni minnha, anzi kien doveruz da parti taghha li hekk taghmel. Fl-istess hin l-ewwel Qorti ma zbilancjatx ruhha b'ebda mod ghaliex waslet ghall-konkluzjonijiet taghha wara apprezzament akkurat tal-provi tal-prosekuzzjoni kemm meta giet biex taghmel il-konsiderazzjonijet taghha tal-linji difensjonali kif ukoll meta giet biex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-appellant tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u gharfet taghmel id-distinzjonijiet mehtiega skond ir-rizultanzi mill-provi. Di fatti l-ewwel Qorti illiberat lill-apppellant minn mhux anqas minn sitta mit-tlettax l-imputazzjoni li kien qieghed jirrinfaccja u dan minhabba li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-htija tieghu skond il-ligi. Dan l-aggravju ghalhekk ma hux sostnut u qieghed jigi michud.

**L-ewwel aggravju 1(b).** Dan l-aggravju hu msejjes fuq sentenza wahda, misluta mill-kuntest tas-sentenza kollha, fejn l-ewwel Qorti tuza l-kelma "possibli" u tghid li riedet tifli bir-reqqa l-evidenza "sabiex tara jekk huwiex possibli illi issir identifikazzjoni o meno tal-imputat u siehbu Cauchi..." (sottolinear tal-appellant).

Ghandu qabel xejn jigi rilevat li anki jekk din is-sentenza tittiehed waheda, izolata mill-kuntest tal-intier tas-sentenza appellata, ma fiha xejn x'jigi censurat ghaliex hu logiku li fl-apprezzament tal-provi dwar l-identifikazzjoni o meno tal-imputat wiehed jibda biex jikkunsidra jekk tali identifikazzjoni kienetx possibbli ghaliex jekk anqas biss kienet possibbli allura jsegwi li wiehed seta jieqaf hemm u ma kienx ikollu ghalfejn imur oltre biex jara jekk dik l-identifikazzjoni saretx sal-konvinciment morali tal-gudikant. Meta imbghad din is-sentenza tigi inserita, kif ghandu jkun, fil-kuntest tas-sentenza appellata intiera jirrizulta wisq lampanti li l-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti kien wiehed legittimu u guridikament validu. Di fatti l-ewwel Qorti l-ewwel stabbiliet li a bazi tal-kriterji legali moghtija mill-awturi u mill-qrati u a bazi tal-indizji cirkostanzjali u l-provi l-ohra fil-process, inkluzi d-depozizzjonjiet tax-xhieda li xehedu fil-kors tal-process, kien possibbli li ssir l-identifikazzjoni tal-imputat ghall-finijiet ta' responsabilita' tar-reati attribwiti lilu. Wara li stabbiliet li tali identifikazzjoni kienet possibbli, l-Qorti ghaddiet biex taghmel apprezzament dettaljat tal-provi testimonjali u cirkostanzjali kollha fl-assjem taghhom sabiex tara tasalx ghall-konvinciment li l-imputat fil-fatt kienet il-persuna responsabbli ghar-reati addebitati lilu. Wara dan l-apprezzament ikkonstatat li ma kienx hemm dubbju li fost iz-zewgt irgiel intercettati kien hemm l-appellant u finalment ikkonkludiet li dak kollu stabbilit mill-provi kien "isahhah il-konvinzjoni ta' dina l-Qorti li z-zewgt irgiel intercettati mill-pulizija, fosthom l-imputat, ma kienux hlief l-istess zewgt rgiel mghammda li gew osservati jikkaccjaw ftit tal-hin qabel".

In sostenn ta' dan l-aggravju l-appellant ghamel ukoll riferenza ghal fejn l-l-ewwel Qorti qalet li "X'aktarx li kienet minhabba f'din ir-raguni li huwa iddecieda johrog ghall-kacca mghammad" (sottolinear tal-appellant). Dan il-kumment ma kien xejn izjed minn kumment marginali, ghal kollox legittimu, fil-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar il-piena u ma kienx jincidi fuq ir-responsabilita' tal-appellant ghall-imputazzjonijiet li taghhom instab hati li kienet gja giet precedentement stabbilita mill-Qorti fil-grad

tal-konvinciment morali. Ghalhekk anki dan l-aggravju ma hux fondat u qieghed jigi rigettat

**L-ewwel aggravju 1(c).** Dwar dan l-aggravju din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tiddilunga wisq fuqu. Kienx il-*video footage* in kwistjoni korroborazzjoni jew le skont il-ligi hu ta' ftit importanza. Kien certament cirkostanza li l-ewwel Qorti setghet tiehu in konsiderazzjoni, kif ghamlet, biex issahhah o meno l-konvinciment taghha u kien jispetta lill-Qorti fl-apprezzament taghha tal-provi tiddeciedi jekk dak il-video kienx isahhah jew le dak li xehdu l-membri tal-Birdlife. Kif kien jispetta lilha, l-ewwel Qorti dehrilha li hekk kien il-kaz. Ghalhekk din il-Qorti qieghdha wkoll tirrigetta dan l-aggravju.

**L-ewwel aggravju 1(d).** Dan l-aggravju wkoll ma jimmeritax xi deliberazzjoni dwaru fit-tul. Ma hux minnu li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tal-provi fl-assiem taghhom jew li kkoncentrat <u>biss</u> fuq ix-xieda ta' Daniel Muscat. Anzi jirrizulta kjarament mis-sentenza appellata li l-ewwel Qorti ghamlet ezami komprensiv, akkurat u dettaljat tal-provi. Anqas jirrizulta li l-ewwel Qorti applikat hazin "il-kuncett" ta' *real evidence*. L-aktar li l-appellant seta' jghid kien li dik il-Qorti gibdet inferenzi mill-evidenza reali li ma kenitx gustifikata li tigbed izda dan ser jigi mistharreg meta din il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar l-ahhar aggravju tal-appellant dwar i-apprezzament allegatament zbaljat tal-ewwel Qorti tal-provi. In kwantu li l-ewwel Qorti strahet fuq il-*video recording* esibit jidher li l-appellant qieghed jikkontesta l-originalita' u l-awtenticita' tal-istess. F'dan l-istadju jigi biss rilevat li l-appellant ma qajjem ebda eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-*video recording* quddiem l-ewwel Qorti. Izda din il-Qorti ser tkompli tezamina dan il-parti ta' dan l-aggravju meta tigi biex tikkonsidra l-aggravju numru 3 tal-appellant fejn jerga jirritorna ghall-*video recording*. Ghalhekk, salv ir-riservi li gja ghamlet dwar xi aspetti ta' dan l-aggravju u li ser jigu kunsidrati aktar tard f'din is-sentenza, din il-Qorti tichad ukoll dan l-aggravju.

**L-ewwel aggravju 1(e).** Anqas dan l-aggravju ma jirrizulta fondat. Jidher cjar li l-ewwel Qorti kienet ben konsapevoli tal-perikolu li provi cirkostanzjali, ghalkemm ma jigdbux, jistghu iqarrqu, tant li qabel ma strahet fuq xi prova cirkostanzjali kienet ferm attenta li tevalwha u tikkonfrontha mal-provi fl-assjem taghhom. Di fatti ma strahetx biss fuq ix-xorta tal-hwejjeg li kien liebes kull wiehed mill-persuni in kwistjoni separatament izda hadet in kunsiderazzjoni wkoll x'kienu lebsin iz-zewg persuni mehuda flimkien u relattivament wiehed ma' l-iehor, l-istatura taz-zewg persuni separatament, flimkien, u relattivament ta' wiehed ma' ta' l-iehor, ix-xhieda tal-membri tal-Birdlife Daniel Muscat, Kim Little, Robert Cook u Neil Wright, dak li l-Qorti setghet tikkonstata personalment minn dak li kien jidher fil-*video recording* esibit, kif ukoll ix-xhieda ta' PC534 u PC42 u anki hadet in konsiderazzjoni provi dokumentali ohra u cirkostanzi ohra. Il-Qorti sahansitra kkunsidrat wahda, wahda l-oggezzjonijiet sollevati mid-difiza dwar il-provi cirkostanzjali u xort'ohra u wahda, wahda irrigettathom u tat ir-ragunijiet taghha ghaliex kienet qed tiskarthom. Ghalhekk dan l-aggravju wkoll qieghed jigi michud.

**L-ewwel aggravju 1(f).** Dan l-aggravju jistrih fuq il-fatt li fl-okkorrenza tar-rapport li sar lill-pulizija dwar l-incident li l-ewwel Qorti ccitat fis-sentenza taghha hemm riferenza ghal x'intqal minn min kien qieghed jirrapporta dwar l-ilbies taz-zewg kaccaturi u li kienu fuq motocikletta. L-appellant jilmenta mill-fatt li dan id-diskors hu wiehed *hearsay* u l-ewwel Qorti, skont l-appellant, uzatu sabiex issahhah il-konvinzjoni taghha.

Qabel xejn ghandu jigi precizat li kif jirrizulta mis-sentenza appellata l-ewwel Qorti, wara apprezzament akkurat u dettaljat tal-provi akkwiziti fil-process, kemm orali u reali, kienet gja waslet ghall-konvinzjoni taghha "li z-zewgt irgiel intercettati mill-pulizija ma kienux hlief l-istess zewgt irgiel mghammda u li kienu gew osservati jikkaccjaw ftit tal-hin qabel". L-okkorrenza (u mhux specifikatament is-sentenza misluta mill-appellant mill-kontest kollu tal-okkorrenza) rriferiet ghaliha biss bhala <u>wkoll</u> <u>indikattiva</u> ta' dak li hi kienet gja kkonstatat sal-grad tal-konvinzjoni morali. Fil-

limiti tal-uzu li ghamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza imsemija, ghalhekk, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jigi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fic-cirkostanzi ta' data, post u hin li ntqal u in kwantu tali hi cirkostanza li mehuda ma' provi u cirkostanzi ohra tista' wkoll tikkontribwixxi ghall-apprezzament li taghmel il-Qorti.

**It-tieni aggravju,** dwar reati komprizi u involuti, jew alternativi, u dwar ir-reati li skont l-appellant ma gewx pruvati, ser jigi kunsidrat wara li jkun gie kunsidrat l-aggravju dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u jekk din il-Qorti tasal biex tikkonferma l-htija tal-appellant tal-imputatzzjonijiet in kwistjoni.

Il-Qorti ser issa tikkunsidra **t-tielet aggravju** tal-appellant u cioe' li l-ewwel qorti naqset milli tezercita dik il-kawtela necessarja fl-apprezzament taghha tal-provi partikolarment dawk dwar identifikazzjoni ta' persuna jew prova permezz ta' *video recording*.

Dan l-aggravju gja sar accenn ghalih fl-ewwel aggravju 1(d) u l-Qorti rriservat li tikkunsidrah interament meta tigi biex tikkunsidra dan it-tielet aggravju.

Dan l-aggravju essenzjalment jikkonsisti f'sensiela ta' riferenzi ghal diversi awtoritajiet gudizzjarji u dottrinali li ghamlu emfasi dwar il-htiega ta' kawtela fejn si tratta ta' evidenza ta' identifikazzjoni u li f'xi kazijiet taw ukoll linji gwida li wiehed ghandu jsegwi meta jigi biex jaghmel apprezzament ta' tali evidenza. L-appellant jallega li l-ewwel Qorti naqset milli tosserva dawn il-kawtieli u linji gwida. Din il-Qorti ezaminat akkuratament is-sentenza appellata u ssib li din il-kritika tal-appellant tas-sentenza appellata ma hix gustifikata. L-ewwel Qorti stess ghamlet rassenja ta' gurisprudenza u dottrina in materja u ma hemm xejn x'jindika li dik il-Qorti ma zammetx quddiem ghajnejha u ma applikatx l-insenjament tal-istess gurisprudenza u dottrina li kienet ghada kemm esponiet fis-sentenza taghha. Anzi kollox jindika l-kuntrarju. Il-Qorti kienet ferm minuzzjuza fl-ezami li ghamlet tal-provi li gew

prodotti quddiemha u waslet ghall-konkluzjonijiet taghha b'cirkumspezzjoni ammirevoli u wara analizi studjata u akkurata. Wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-konkluzjonijet taghha izda certament ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti b'xi mod "naqset li tidhol fil-fatti u cirkostanzi tal-kaz b'mod kliniku, akkurat u fl-assjem taghhom."

L-appellant jaghmel riferenza ghal-diversi *dicta* u ezempji mid-duttrina u mill-gurisprudenza li pero' kollha kellhom il-fattispeci specifici taghhom li ma jsibux riskontru fil-fattispeci tal-kaz odjern. Dak li hu cert hu li l-ewwel Qorti, konformement mad-duttrina u gurisprudenza in materja, ghamlet apprezzament ferm ragunat, prudenti u kawt tal-provi kif kien mehtieg qabel waslet ghall-konkluzjonjiet taghha dwar l-identifikazzjoni tal-appellant u l-kritika rivolta lejn is-sentenza appellata fir-rigward ma hix wahda fondata.

F'diversi bnadi tal-aggravji tieghu l-appellant jaghmel riferenza ghall-fatt l-ewwel Qorti hadet ukoll in kunsiderazzjoni dak li kien jirrizulta mill-*video recording* u dan peress li jidher li jsostni li l-originalita' u awtenticita' ta' din ir-registrazzjoni ma gietx pruvata. F'dan ir-rigward, kif gja gie rilevat, ma jirrizultax li l-appellant qajjem xi eccezzjoni dwar l-ammisibilita' tal-istess dokument minn dan l-aspett. Fi kwalunkwe kaz, izda, irrizulta abbondantement cjar mix-xhieda ta' Daniel Muscat li r-registrazzjoni esibita fil-process hi dik originarament registrata fuq il-post tal-incident u li ma giet sottoposta ghal ebda manipulazzjoni. Hu minnu li mhux dak kollu li gara dakinhar fil-mument relevanti gie registrat ghaliex f'mument minnhom Daniel Muscat, li kien l-anqas espert fir-registrar, ghadda l-camera lil haddiehor li kien aktar espert minnu bil-konsegwenza li ghal xi hin ma kienx hemm registrazzjoni kif ukoll partijiet mir-registrazzjoni jirrizultaw *out of focus* u xejn cjari. Jirrizulta wkoll li f'xi hin ir-registrazzjoni ta' dak li kien ghaddej ma baqghetx issir ghaliex meta l-persuni in kwistjoni telqu minn fuq il-post bil-motocikletta ma kienx teknikament possibbli aktar li jkomplu jigu segwiti bit-teleskopju u l-camera. Jibqa' l-fatt, izda, li kif xehed l-istess Daniel Muscat "well, what is on the camera is on the disk", u cioe' dak kollu registrat, kif

originarjament registrat, jinsab fuq is-CD esibita fil-process. Dak li xehed Daniel Muscat ma jikkontrastax ma dak li xehed Neil Wright li ha minghandu l-video camera. Hu minnu li Wright xehed li minhabba li kultant kien difficli ghalih jiffoka l-camera huwa tilef ghal xi hin liz-zewg persuni u jidher li waqaf jiffilmja sakemm illokalizzhom u rega beda jirregistra izda dan ma jfissirx li dak li hemm registrat fuq ic-CD ma huwiex dak li gie effettivament registrat, kif xehed Daniel Muscat. Ghalhekk anki dan l-aspett tal-aggravji tal-appellant ma hux fondat.

**Ir-raba' aggravju** tal-appellant jikkoncerna l-allegat apprezzament zbaljat u irragionevoli da parti tal-ewwel Qorti tal-provi prodotti.

Dwar din ix-xorta ta' aggravju il-gurisprudenza ta' din il-Qorti hi cara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

Zgumbrat it-terren mill-ewwel u t-tielet aggravju tal-appellant il-pern ta' dan ir-raba' aggravju tal-appellant hija r-risposta ghad-domanda jekk il-persuna li tidher bil-glekk blu skur lejn tmiem il-video esibit f'dawn il-proceduri huwiex l-istess persuna li tidher bi glekk blu skur fil-parti inizjali tal-istess video u li jidher jaqbad senter u jimmira bih fil-boghod. Dan ghaliex, kif tajjeb irriteniet l-ewwel Qorti, ma hemmx dubbju li l-persuna li tidher bil-glekk blu skur lejn tmiem il-video huwa l-imputat appellant. Ghalhekk jekk il-persuna bil-glekk blu skur li tidher lejn il-bidu tal-video u li jidher jipponta senter huwa l-istess persuna li tidher bil-glekk blu lejn tmiem il-video allura dan necessarjament ifisser li l-persuna li fil-video tidher taqbad senter u tippuntah fil-boghod huwa l-istess imputat appellant u minn dan wiehed ikun jista' jasal ghall-konkluzjonijiet opportuni dwar id-diversi imputazzjonijet dedotti kontra l-appellant.

Lejn tmiem il-video, li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa, jidher l-istadju minnufih wara li il-pulizija bil-vettura taghhom intercettat lill-imputat appellant u lil siehbu li kienu fuq mutur. Tidher il-vettura tal-pulizija b'zewg ufficjali tal-pulizija barra magembha u jidhru il-persuni intercettati. Wahda minn dawk il-persuni intercettati liebsa glekk blu ghonq blu cjar u flokk minn taht ta' kulur *camouflage*. Il-persuna l-ohra intercettata tidher liebsa glekk ta' materjal *camouflage* u flok skur minn taht. Kulur il-qalziet taz-zewg persuni intercettati ma jidhirx f'din l-ahhar tal-video ghaliex il-parti ta' isfel tal-persuni koncernati hu mghotti minn hajt tas-sejjieh.  PC 42 Paul Said li kien fuq il-post xehed li l-persuna li kienet liebsa gakketta blu kien l-imputat appellant u zied li dan kien liebes qalziet *camouflage* waqt li l-persuna l-ohra intercettata kienet liebsa gakketta u qalziet camouflage. PC 534 Joseph Cini wkoll jikkonferma li l-persuna liebsa gakketta blu kien Fabio Schembri. L-imputat stess jikkonferma li dakinhar huwa kien liebes gakketta blu fuq flok camouflage biz-zipp. Ghalhekk ma hemmx dubbju li l-persuna bil-glekk blu u bl-ghonq celesti li tidher lejn tmiem il-video imsemmi huwa l-imputat.

Meta wiehed jikkonfronta l-istatura u l-ilbies li kien liebes Fabio Schembri meta gie intercettat mill-Pulizija ma' l-istatura u x'kienet liebsa il-persuna li ppuntat is-senter aktar kmieni fil-video isib li dawn huma identici. Sa hawn wiehed jista' jghid li din tista' tkun kumbinazzjoni jew ko-incidenza. Izda meta wiehed iqabbel l-istatura u dak li kienet liebsa l-persuna li kienet takkompanja lil Fabio Schembri meta dan gie intercettat ma' l-istatura u dak li kienet liebsa l-persuna li kienet takkompanja lill-persuna li ppuntat is-senter aktar kmieni fil-video u jsib li dawn ukoll huma identici allura ma jibqax dubbju ragonevoli li dawn kienu l-istess koppja ta' persuni fosthom l-imputat appellant u tnissel f'min irid jiggudika dik il-konvinzjoni morali li trid il-ligi li z-zewg persuni intercettati mill-pulizija huma l-istess persuni li jidhru aktar kmieni fil-video.

Darba stabbilit li z-zewg persuni fil-bidu tal-video huma l-istess persuni intercettati mill-pulizija lejn tmiem il-video fosthom l-imputat appellant ma tridx wisq biex tidentifika lill-imputat appellant bhala l-persuna li lejn il-bidu tal-video

kellha s-senter f'idejha u ppuntat bih fil-boghod. Fil-fatt il-persuna li ppuntat is-senter kienet il-persuna li kienet liebsa l-glekk blu bl-ghonq celesti u l-persuna li kienet liebsa l-glekk blu bl-ghonq celesti irrizultat li kienet l-imputat appellant.

Id-difiza tobbjetta b'diversi cirkostanzi. Tghid illi z-zewg persuni li wahda minnhom giet osservata tispara fil-video it-tnejn lebsin balaclava mentri z-zewg persuni intercettati hadd minnhom ma kien liebes balaklava. Wiehed mill-koppja kellha arma tan-nar izda hadd mill-koppja intercettata ma kellha arma tan-nar, il-mutur li fuqu rikbet il-kopjja li raw tal-Birdlife kellha l-fanali ta' quddiem mixghula, mentri l-mutur intercettat mill-pulizija ma kellux il-fanali mixghula, u ohrajn. Izda b'danakollu din il-Qorti tibqa' konvinta mill-provi prodotti li l-koppja li tidher fil-bidu tal-video hi l-istess koppja li tidher fl-ahhar tal-video u li giet intercettata mill-pulizija u ma hemmx l-icken dubbju dwar l-identita' tal-persuni li gew intercettati mill-pulizija, fosthom l-appellant. Minn hemm, il-konkluzjoni li l-appellant kien wiehed mill-koppja li tidher fil-bidu tal-video hi inevitabbli. Ic-cirkostanzi li semmiet id-difiza, ghalkemm facilment spjegabbli, jirrikjedu spekulazzjoni biex jigu spjegati u din il-Qorti ma hix ser tispekula. Il-fatt jibqa', izda, li din il-Qorti, bic-cirkostanzi kollha msemmija mid-difiza tibqa' konvinta 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li mill-provi prodotti jirrizulta li l-koppja li kienet fl-ghelieqi dakinhar u li wiehed minnhom hareg arma tan-nar u spara kienet l-istess koppja li giet intercettata mill-pulizija. Maghmula din il-prova, d-diskrepanzi – reali jew apparenti -- bejn ix-xhieda elenkati mid-difiza fir-rikors tal-appell u waqt it-trattazzjoni orali ftit li xejn jistghu jaghmlu impatt fuq il-konvinciment tal-Qorti. Id-diskrepanzi fost ix-xhieda fi process legali, kemm kriminali u kemm civili, hu fenomenu kwazi inevitabbli. Tali diskrepanzi kultant ikunu tali li ma jippermettux lill-Qorti li tilhaq dak il-livell ta' konvinciment morali mehtieg minnha fi process kriminali. Dan ma hux il-kaz odjern. Fil-kaz odjern, il-konvinciment morali ta' din il-Qorti, bhal ta' l-ewwel Qorti, jibqa' mhux mittiefes bid-diskrepanzi kollha li semmiet id-difiza b'kollox. Dan il-konvinciment imbghad ikompli jigi konfortat

bil-kumpless ta’ depozizzjonijiet tal-membri tal-Birdlife li xehedu fil-kors ta’ dawn il-proceduri.

Il-premess kien ikun bizzejjed sabiex il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel Qorti kellha bizzejjed provi quddiemha sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom u li ghalhekk ma hemmx bizzejjed raguni sabiex din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti. Izda din il-Qorti tasal ghal aktar il-boghod minn hekk u tafferma li hi stess ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi prodotti indipendentement minn dak li ghamlet l-ewwel Qorti u tiddikjara li minghajr ezitazzjoni tikkondividi pienament il-konkluzjonijiet taghha.

Jibqa’ issa li jrid jigi ezaminat **it-tieni aggravju** tal-appellant dwar reati komprizi u involuti u dwar l-ewwel u t-tnax l-imputazzjoni li l-appellant isostni ma gewx pruvati skont il-ligi waqt li rigward it-tlettax l-imputazzjoni jsostni li din tista’ tkun biss sussidjarja ghal htija ta’ xi reat iehor.

L-appellant ma jispjegax fejn irid jasal b’dan l-aggravju rigward reati allegatament komprizi u involuti. Il-kuncett legali ta’ reat kompriz u involut f’reat iehor isib applikazzjoni meta l-Qorti jew gurija ssib htija ta’ reat anqas gravi <u>mhux specifikat</u> fl-akkuza jew imputazzjoni <u>meta ma ssibx htija ghal xi reat aktar gravi</u> specifikat fl-akkuza jew imputazzjoni li fih izda hu kompriz u involut ir-reat anqas gravi <u>ghalkemm mhux specifikat</u>. Dan il-kuncett ma jsib ebda applikazzjoni fil-kaz tas-sentenza appellata ghar-reati li ghalihom l-appellant jaghmel riferenza fil-kuntest ta’ dan l-aggravju u dan peress li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati <u>tar-reati kollha</u> li ghalihom jaghmel riferenza <u>kif specifikati fl-imputazzjoni</u> biex imbghad korrettement applikat l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali ghar-rigward tal-konkors tal-pieni relattivi.

Jista’ jkun li l-appellant ikkonfonda l-kuncett ta’ reat kompriz u involut mal-kuncett tal-konkors formali jew ideali ta’ reati li kien jimporta konsiderazzjonijiet ben diversi izda peress li ma gie dedott ebda aggravju f’dan ir-rigward din il-Qorti hi prekluza milli tidhol f’dan l-aspett li seta’ altrimenti jkun potenzjalment relevanti.

Per abbondanza qieghed ukoll jigi rilevat, izda, li anki kieku kellu jigi deciz li kien jezisti l-konkors formali ta' reati tali li r-reati kollha li taghhom nstab hati l-appellant, hlief dak l-aktar gravi, kellhom jigi konsidrati bhala assorbiti fir-reat l-aktar gravi li tieghu nstab hati il-konsegwenza kienet tkun li tigi applikata biss il-piena ghar-reat l-aktar gravi. Ghalhekk il-konsegwenza kienet tkun identika ghal dik li temana mill-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) li fil-fatt applikat l-ewwel Qorti.

Ghal kompletezza din il-Qorti tiddikjara wkoll li ma taqbel xejn li r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni seta' b'xi mod jigi kunsidrat bhala alternattiv ghar-reat dedott fl-ewwel imputazzjoni.

Parti integrali minn dan it-tieni aggravju hija wkoll is-sottomissjoni tal-appellant li l-ewwel u t-tnax l-imputazzjoni li l-appellant instab hati taghhom ma gewx pruvati skont il-ligi. Kif gja inghad aktar kmieni f'din is-sentenza din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

Jirrizulta indiskutibbli li l-ewwel Qorti wara l-apprezzament taghha tal-provi ikkonkludiet li l-imputat ta' l-anqas garr arma tan-nar barra mill-ghata taghha u li fid-data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fl-imputazzjoni kien kontra l-ligi liebes maskra jew biddel is-sura tieghu. Dan kien bizzejjed sabiex l-ewwel Qorti issib htija tal-ewwel imputazzjoni u tat-tnax l-imputazzjoni kif sabet. Din il-Qorti hi sodisfatta li l-ewwel Qorti kellha bizzejjed provi sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom u di piú din il-Qorti tasal ghall-istess konkluzzjonijiet mill-apprezzament li ghamlet tal-provi prodotti.

In kwantu ghat-tlettax imputazzjoni huwa minnu li din hi sussidjarja ghal htija ta' xi reat iehor izda billi din il-Qorti

ser tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra apparti tat-tlettax imputazzjoni l-aggravju tal-appellant f'dan ir-rigward qieghed ukoll jigi michud.

Dan it-tieni aggravju tal-appellant qieghed ghalhekk jigi rigettat fl-intier tieghu.

Finalment, lejn tmiem ir-rikors tal-appell tieghu l-appellant juri li hu perpless kif l-ewwel Qorti ma sabitx htija tad-disa' (li kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija) u tal-ghaxar imputazzjoni (li bhala pussessur tal-licenza naqas li jhares il-kundizzjonijiet ta' l-istess licenza) mentri nstab hati tal-imputazzjonijiet l-ohra. Ghalkemm ma hemmx bzonn, tajjeb li jigi senjalat li l-arma in kwistjoni ma gietx individwata mill-provi u ghalhekk anqas setghet l-ewwel Qorti tikkonkludi jekk l-arma li garr dakinhar kienetx licenzjata jew le. Similarment, peress li ma giet esibita ebda licenza riferibilment ghall-arma in kwistjoni -- u di fatti ma setghet tigi esibita ebda tali licenza peress li ma gietx identifikata l-arma in kwistjoni -- anqas setghu jigu stabbiliti x'kienu l-kundizzjonijiet tal-istess licenza u *tanto meno* seta' jigi stabbilit jekk tali kundizzjonijiet gewx miksura. Dan kollu juri kemm, kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellant tul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-ewwel Qorti kienet skrupoluza u attenta fl-apprezzament taghha tal-provi prodotti quddiemha.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tichad l-appell ta' l-imputat Fabio Schembri u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------